



Brussell, 15 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7753/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0373(COD)

ENV 299
MI 302
IND 155
CONSOM 108
COMPET 323
MARE 7
PECHE 114
RECH 125
SAN 164
ENT 65
ECOFIN 309
CODEC 804

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	14248/23 + ADD 1 - COM(2023) 645 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik¹, li huwa wieħed mis-sorsi ewlenin ta' tniġġis mhux intenzjonat mill-mikroplastik.

¹ 14248/23 + ADD 1- COM(2023) 645 final.

2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fl-14 ta' Frar 2024. Wara r-reazzjonijiet inizjali mill-Istati Membri, il-Presidenza talbet lid-delegazzjonijiet biex jipprovdu aktar kummenti biex jiggwidaw il-ħidma dwar il-fajl. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat aktar progress fil-fajl, tliet kwistjonijiet ikunu jeħtieġu gwida politika mill-Kunsill.
 3. Sabiex tiggwida d-dibattitu fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) fil-25 ta' Marzu 2024, il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni u mistoqsijiet għall-Ministri, kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota.
-

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik

- Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza b'mistoqsijiet għall-Ministri -

L-Istrateġija tal-UE għall-Plastiks f'Ekonumija Ċirkolari tal-2018 irrikonoxxiet ir-riskji potenzjali għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem ippreżentati mill-mikroplastiks u tirrakkomanda soluzzjonijiet innovattivi għas-sorsi differenti tat-tniġġis mill-mikroplastik. Fl-2019, il-grupp ta' Konsulenti Xjentifiċi Ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea wkoll irrikonoxxa r-riskji potenzjali li jgħodq it-tniġġis mill-mikroplastik u hekk azzjoni ta' prekawzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonumija Ċirkolari tal-2020 impenja lill-Kummissjoni biex tindirizza l-preżenza tal-mikroplastik fl-ambjent billi tirrestrinġi l-mikroplastik miżjud intenzjonalment fil-prodotti u billi tindirizza r-rilaxxi mhux intenzjonati ta' mikroplastik. Fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero tal-2021, il-Kummissjoni pproponiet li, sal-2030, l-UE għandha tnaqqas ir-rilaxxi (intenzjonati u mhux intenzjonati) tal-mikroplastik fl-ambjent bi 30 %.

Fil-25 ta' Settembru, il-Kummissjoni Ewropea adottat Regolament li jirrestrinġi l-mikroplastik miżjud intenzjonalment fil-prodotti¹. Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf ta' pellets tal-plastik fl-ambjent. It-telf ta' pellets tal-plastik huwa sors ewlieni ta' tniġġis mhux intenzjonat mill-mikroplastik.

Il-pellets tal-plastik huma l-materja prima industrijali wżata għall-produzzjoni kollha tal-plastik. Il-materja prima industrijali tal-plastik tiġi f'forom differenti, fosthom pellets, laqx, trabijiet u f'forom likwidi, kollha kollettivament imsejħa "pellets tal-plastik ta' qabel il-produzzjoni". It-terminu umbrella "pellets" jintuża fil-proposta. Il-prattiki kurrenti għall-immaniġġar tal-pellets iwasslu għal telf fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista, partikolarment il-produzzjoni, l-ipproċessar (ta' pellets verġni jew riċiklati), it-trasport u operazzjonijiet oħrajn ta' loġistika, ir-riċiklaġġ u ta' mmaniġġar tal-iskart. Ladarba rilaxxati fl-ambjent, huwa kważi impossibbli li l-pellets tal-plastik jinġabru. Barra minn hekk, il-pellets tal-plastik jinfirxu faċilment fuq distanzi kbar minn flussi tar-riħ u tal-ilma.

¹ C(2023) 6419 final.

It-telf ta' pellets tal-plastik għandu effetti negattivi fuq l-ambjent, fuq il-klima, potenzjalment fuq is-saħħa tal-bniedem, u fuq l-ekonomija (eż. is-sajd, l-agrikoltura, it-turiżmu). L-istimi juru li, fl-ambjent tal-UE fl-2019, intilfu bejn 52 140 tunnellata u 184 290 tunnellata ta' pellets. Dan huwa ekwivalenti għal bejn 2 100 u 7 300 trakk mimli pellets fis-sena. It-telf ta' pellets tal-plastik fl-ambjent huwa t-tielet sors tar-rilaxxi kollha mhux intenzjonati tal-mikroplastik.

Il-proposta hija mistennija li tnaqqas it-telf tal-pellets b'sa 74 %. Minbarra li jnaqqsu t-telf tal-pellets tal-plastik u b'hekk l-effetti negattivi tagħhom, miżuri komuni għall-UE kollha huma mistennija wkoll li jgħinu biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi madwar l-UE.

Il-proposta tippredvi miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-operaturi tul il-katina tal-provvista kif ukoll sistema ta' rappurtar u konformità:

Miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-operaturi

It-telf tal-pellets tal-plastik huwa fil-biċċa l-kbira dovut għal nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u prattiki ħżiena ta' mmaniġġjar, u għalhekk jista' jitnaqqas fil-biċċa l-kbira b'miżuri rapidi. Il-Kummissjoni tippromponi li tiżgura li l-operaturi kollha fl-UE li jittrattaw iktar minn ħames tunnellati pellets fis-sena, u t-trasportaturi kollha fl-UE u barra mill-UE li jittrasportaw pellets tal-plastik fl-UE jieħdu l-miżuri meħtieġa fl-ordni priyoritarju li ġej: il-prevenzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe tixrid ta' pellets; it-trażżin ta' pellets imxerrda biex jiġi żgurat li ma jniġġsux l-ambjent; u, bħala possibbiltà finali, it-tindif wara tixrid jew telf. Il-miżuri huma elenkati fl-Annessi I u III għall-proposta. Dawn il-miżuri diġà ġew implimentati minn daww ta' quddiem nett. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom is-setgħa li jirrikjedu l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali jew differenti.

Sistema ta' rappurtar u konformità

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jaqdu rwol ċentrali fis-sistema ta' konformità peress li huma meħtieġa jwettqu spezzjonijiet ambjentali u miżuri oħra ta' verifika bbażati fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Barra minn hekk, biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-verifika tal-konformità, l-operaturi l-kbar iridu jiksbu ċertifikat ta' konformità maħruġ minn parti terza indipendenti. Biex jittaffa l-piż fuq operaturi iżgħar, huma mhumieq mistennija jiksbu ċertifikazzjoni minn parti terza iżda minflok iridu jippreżentaw awtodikjarazzjoni li turi l-konformità tagħhom. Kemm iċ-ċertifikati kif ukoll l-awtodikjarazzjonijiet għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, hija prevista metodoloġija armonizzata biex tistma t-telf tal-pellets tal-plastik.

Trasport marittimu

Il-proposta ma tkoprix it-telf li jirriżulta mit-trasport marittimu ta' pellets tal-plastik. Għalkemm it-telf marittimu aċċidentali huwa okkażjonali, dan joħloq impatti negattivi għal għarrieda u sinifikanti fuq l-ekosistemi lokali u l-komunitajiet milquta, kif juru l-inċidenti reċenti tal-pellets fuq ix-xtut Spanjoli u Franċiżi. Għaddejjin diskussjonijiet fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) biex jonqsu r-riskji ambjentali assoċjati mat-tbaħħir ta' pellets tal-plastik permezz ta' miżuri volontarji u obbligatorji fir-rigward ta' tliet aspetti: informazzjoni dwar it-trasport, imballaġġ ta' kwalità u stivar sikur. Madankollu, huwa mistenni li d-diskussjonijiet tal-IMO mhux ser iwasslu għal miżuri obbligatorji fi żmien qasir.

Mistoqsijiet lill-Ministri

1. *Fil-kuntest tal-oġġettivi li l-proposta trid tilħaq, tqis li l-miżuri proposti huma xierqa?*
2. *Kif tevalwa l-proposta fir-rigward tar-responsabbiltà, inkluż dwar il-verifika tal-konformità, alllokata lil atturi pubbliċi u privati differenti?*
3. *Minħabba l-istatus tad-diskussjonijiet tal-IMO, il-miżuri fir-rigward tat-trasport marittimu għandhom jiġu inklużi wkoll fir-Regolament propost?*